# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 840/18/1 LM**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

1. L-attriċi ppreżentat kawża quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla u talbet dikjarazzjoni li l-privileġġ speċjali numru 15578/11 li rreġistra l-konvenut fit-13 ta' Ottubru 2011 fuq il-fond Tyre Services Limited Complex, mibni fuq plots 48A u 49A, Old Railway Road, Santa Venera hu rregolari għaliex sar wara li fl-24 ta' Mejju 2005 l-attriċi akkwistat l-istess fond permezz ta' bejgħ b'irkant (HSBC Bank Malta plc v. Tyre Services Limited – numru 136/2004) għall-prezz ta' €640,578. Dan wara offerta *animo compensandi* li saret mill-bank attur.

2. B’sentenza tal-15 ta’ Mejju 2019 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi wara li kkonkludiet li fid-data tal-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali 15578/11, il-bank ma kienx sid tal-fond wara li b’nota tas-27 ta’ Marzu 2007 kien telaq il-fond in kwistjoni *ai termini* tal-Art. 2071 tal-Kodiċi Ċivili u ma kienx jirriżulta li l-istess bank ħallas id-dejn kollu u l-ispejjeż kif irid l-Art. 2077 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex ikollu l-jedd li jieħu lura l-fond.

3. B’rikors tat-3 ta’ Ġunju 2019 il-bank appella mis-sentenza u talab ir-revoka tal-istess u li l-qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet tal-bank. Fl-24 ta’ Ġunju 2019 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

4. Sabiex tiġi evitata ripetizzjoni bla bżonn, il-Qorti tagħmel ampja referenza għas-sentenza mogħtija llum fl-appell 355/2016/1 fl-ismijiet <u>HSBC Bank Malta plc v. Tyre Services Limited et</u>. Għalkemm il-konvenut ma kienx parti f’dik il-kawża, fiha ġie determinat jekk il-bank kienx baqa’ sid tal-fond meta fis-27 ta’ Marzu 2007 ippreżenta nota u fiha ddikjara li qiegħed jitlaq il-fond skont l-Art. 2071 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk din is-sentenza trid tinqara flimkien mas-sentenza tal-appell 355/2016/1.

5. L-ewwel aggravju tal-attriċi jitratta proprju l-kwistjoni dwar jekk wara n-nota tas-27 ta’ Marzu 2007, l-attriċi baqgħetx is-sid tal-fond. Il-bank isostni:

*"- Il-Bank akkwista bis-subbasta proprjeta li qabel kienet fis-sjieda ta' Tyre Services Limited;*
*- Minkejja n-nota ta' rilaxx, għar-raġunijiet ġja spjegati, il-proprjeta tal-fond baqgħet tal-Bank HSBC;*
*- Isegwi illi fil-mumenta meta l-Kummissarju konvenuta irreġistra l-privileġġ spettanti lilu, il-fond ma kienx għadu ta' proprjeta ta' Tyre Services Limited, iżda kien ilu diversi snin li għadda fis-sjieda tal-Bank konvenut u għadu sal-lum proprjeta tal-istess Bank".*

6. Fir-rikors tal-appell ma sarux argumenti ġodda li jistgħu b'xi mod jikkonvinċu lil din il-Qorti li tibdel ir-raġunament li għamlet fis-sentenza fl-appell 355/2016/1 deċiż illum. Għalhekk għall-istess raġunament li sar f'dik is-sentenza, meta l-attriċi ppreżentat in-nota li biha ddikjarat li qiegħda titlaq il-fond, ma baqgħetx sid il-fond li xtrat fil-bejgħ bl-irkant (subbasta numru 136/2004). Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju tal-attriċi.

7. It-tieni aggravju tal-bank jaqra hekk:

*"Fil-qosor, sas-sena 2005 u ċjoe' fiż-żmien meta l-Bank appellant akkwista l-fond de quo bis-subbasta, il-liġi kienet tistipula illi l-Kummissarju konvenut seta' biss jirreġistra privileġġ favur tiegħu fi żmien xahrejn mill-ħruġ ta' tax assessment fil-konfront tad-debitur. Il-privileġġ seta' jagħti diritto di seguito biss jekk il-fond jiġi trasferit wara r-reġistrazzjoni tal-privileġġ jew fil-mori ta' dawk ix-xahrejn stipulati fil-liġi.*

*Il-liġi kienet sussegwentement inbidlet, b'dan li tat lill-Kummissarju l-jedd illi l-privileġġ jirreġistrah mhux mid-data tat-tax assessment iżda pjuttost entro xahrejn minn meta l-pretensjoni tal-Kummissarju tiġi reża eżekuttiva permezz ta' notifika ta' ittra uffiċjali lill-istess debitur.*

*Mela l-privileġġ seta' jagħti diritto di seguito biss jekk il-fond jiġi trasferit mid-debitur wara r-reġistrazzjoni tal-privileġġ jew fil-mori ta' dawk ix-xahrejn stipulati fil-liġi.*

*F'dan il-każ pero' jirriżulta mill-provi illi għalkemm id-debiti kawtelati bil-privileġġ jirreferu għal djun preċedenti għall-2005 (u ċjoe' kemm qabel is-subbasta kif ukoll qabel l-emendi fil-liġi) il-privileġġ ġie*

*reġistrat fl-2011 u għalhekk ċertament fi żmien oltre x-xahrejn statutorji.*

*Illi dan ifisser illi f'kull każ, il-privileġġ jirriżulta illi ġie reġistrat tardivament u irregolarment.*

*Anke għal din ir-raġuni għalhekk it-talbiet tal-bank attur, illum appellant, kellhom jintlaqgħu"*.

8. Il-kawża li fetaħ il-bank hi sabiex jitħassar il-privileġġ speċjali 15578/11 għaliex:

*"..... ġie reġistrat irregolarment u dan stante l-fatt illi l-privileġġ ġie reġistrat diversi snin wara li n-nota ta' trasferiment tal-istess proprjeta ġiet insinwata favur il-Bank esponenti"* (fol. 2 tar-rikors maħluf).

9. F'dan ir-rigward hi wkoll rilevanti l-ewwel talba tar-rikors maħluf:

*"1. Tiddikjara illi privileġġ speċjali bin-numru ħmistax-il elf, ħames mija u tmienja u sebgħin tas-sena elfejn u ħdax (15578/11) iskritt favur il-Kummissarju intimat ġie reġistrat irregolarment għar-raġunijiet hawn fuq premessi"*.

10. Għandu raġun il-konvenut li t-tieni aggravju tar-rikors tal-appell jitratta lment li mhuwiex il-mertu tal-kawża tal-lum, ġialadarba ma ssemmiex fir-rikors maħluf bħala waħda mir-raġunijiet għalfejn l-attriċi talbet il-kanċellament tal-privileġġ speċjali (ara paragrafu 13 tat-tweġiba tal-konvenut a fol. 229). Kif l-attriċi stess osservat fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat quddiem l-ewwel Qorti:

*"Din il-kawża mhijiex dwar il-jedd ta' preferenza li jista' jew ma jistax ikollu l-Kummissarju konvenut, iżda speċifikament dwar jekk il-privileġġ speċjali rreġistrat fuq il-proprjeta akkwistata mill-bank huwiex validu jew le. Jekk se jirriżulta illi mhuwiex validu (stante illi reġistrat fuq proprjeta li ma kinitx tad-debitriċi Tyre Services Limited), it-talbiet tal-Bank jistħoqqilhom li jintlaqgħu. Xi drittijiet jifdallu l-Kummissarju jerżorbita l-parametri tla-kawża li għandha quddiem din l-Onorabbli Qorti"*.

11. Issa li hu deċiż li wara n-nota li l-bank ippreżenta f'Marzu 2007 il-fond ma baqax proprjeta` tal-bank, saret irrilevanti il-kwistjoni dwar jekk saritx l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali fiż-żmien kontemplat fil-liġi għall-finijiet ta' *'diritto di seguito'*. Qiegħed jingħad hekk ukoll minħabba r-raġunament li sar minn din il-Qorti fil-każ Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Limited tas-27 ta' Frar 2009, li saret referenza għaliha fis-sentenza appellata (ara fol. 17 tas-sentenza appellata).[1] F'dik is-sentenza din il-Qorti diġa` qalet li l-iskrizzjoni ta' privileġġ speċjali hi biss meħtieġa sabiex il-Kummissarju jkun jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li jkollu fuq il-proprjeta` li fuqha jkun ġie reġistrat privileġġ speċjali, irrispettivament f'idejn min tkun. Dik mhijiex is-sitwazzjoni attwali fil-każ in eżami ġialadarba l-fond m'għadux proprjeta` tal-bank.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[1] L-attriċi m'għamlet l-ebda argumenti kontra dak ir-raġunament.